# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 566/2020 MH**

**Seduta tal-lum it-Tnejn 24 ta' April, 2023**

**Anthony Buttigieg**

**vs**

**Brian Baldacchino, Antoine Baldacchino, Anthony Baldacchino, ilkoll eżerċenti l-kummerċ f'isem ABS Auto Dealers**

## Il-Qorti:

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-10 ta' Lulju 2020** li permezz tiegħu premetta u talab –

*"1. Illi l-esponenti kien għall-ħabta tal-bidu ta' Diċembru tas-sena 2015 xtara mingħand l-intimati jew min minnhom il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AYJ 520 tat-tip BMW 5 Series li l-provenjenza tagħha kienet ġejja mill-Ingilterra.*
*2. Illi n-negozju li kien sar bejn il-kontendenti għall-akkwist ta' din il-vettura kien billi l-esponenti xtara din il-vettura bil-prezz ta' €24,000 li minnhom però ħallas*

*biss €10,000 f'kontanti lill-intimati u kien għaddielhom għal dak li jirrigwarda l-bilanċ ta' €14,000 vettura proprjetà tiegħu bl-istess numru ta' reġistrazzjoni fuq imsemmi, tat-tip BMW 5 Series l-istess bħal dik li akkwista però mudell ta' qabel il-BMW li xtara mingħandhom.*

*3. Illi numru ta' xhur wara li kien akkwista din il-vettura, l-esponenti nnota li tfaċċa xaqq fil-parti tal-mudguard ta' wara tat-tieni BMW maġenb is-saqaf u meta ħadha għand tellar espert dan infurmah illi l-BMW kienet sofriet daqqa ossia ħabta sostanzjali u kellha l-ġenb tan-naħa tax-xellug mibdul meta l-esponenti kien xtara l-BMW mingħand l-intimati bil-kundizzjoni illi din kienet immakulata.*

*4. L-istess tellar, meta għamel eżami aktar akkurat informa lill-esponenti illi mhux biss il-vettura kienet involuta f'ħabta kbira iżda wkoll u agħar illi x-xogħol ta' tiswija li sar fuq dan il-ġenb kollu ma kienx sar kont is-sengħa u l-arti. L-esponenti ġie nfurmat ukoll illi tant kienet kbira d-daqqa li kienet ġarrbet din il-vettura illi saħansitra l-ħġieġ tal-vettura ġew mibdula kollox kif jiġi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*5. Illi wara li ġie hekk infurmat minn dan it-tellar l-esponenti qabbad surveyor professjonali sabiex dan jikkonferma, o meno, jekk dak li qallu t-tellar kienx minnu u dan mhux biss ikkonferma illi l-karozza kellha daqqa konsiderevoli fuq il-ġenb tax-xellug iżda illi saħansitra kellha wkoll daqqa fuq il-but ta' wara u daqqa oħra fuq il-bieba ta' quddiem tal-passiġġier b'dan illi s-surveyor ikkonferma illi d-daqqa kienet tinvolvi prattikament il-ġenb xellugi kollu minbarra l-but ta' wara.*

*6. Illi għaldaqstant din il-vettura ma kinitx tal-kwalità pattwita u li kieku l-esponenti kien ġie nfurmat qabel ma sar in-negozju, kif kien l-obbligu tal-intimati li jinfurmawh illi l-BMW kienet sofriet ħabta kbira l-esponenti qatt ma kien ser*

*jixtri din il-vettura u anke jekk għall-grazzja tal-argument f'każ li l-intimati semmewlu illi din il-karozza kienet involuta f'inċident kbir huwa ċertament lanqas kien joħlom illi jħallas il-prezz miftiehem f'dan in-negozju fis-somma ta' €24,000.*

*7. Illi meta l-esponenti, issa kellu l-konferma li l-karozza kienet involuta f'inċident sostanzjali mar jinforma b'dan lill-intimati huma offrewlujew li jpartulu din il-vettura ma' vetturi oħrajn, jew li jsewwulu l-karozza a spejjeż tagħhom, spejjeż dawn li jindikaw li jistgħu jlaħħqu mal-€5,000. Meta l-esponenti b'risposta għal din l-offerta indika li l-karozza ma riedhiex huwa ġie offrut li jakkwista mingħandhom vettura Mercedes B Class li kull ma kellha ftit mili però meta ġew għas-si u no dawn marru lura minn kelmithom u għamlu offerta oħra fuq vettura li kienet fix-showroom tagħhom Peugeot 3008 li kellha biss madwar tliet snin kif ukoll vettura oħra li flimkien kellhom l-istess valur ta' €24,000 li kien il-prezz tal-ewwel tpartit.*

*8. Illi però anke f'din l-okkażjoni l-intimati reġgħu marru lura minn kelmthom u kif għamlu fl-ewwel każ tal-Mercedes, u minflok offrewlu ħames vetturi li kienu fuq żaqqhom u ppretendew illi l-esponenti kellu jbaxxi rasu u minflok jakkwista vettura lussuża u vettura waħda jiġi mwikki ħames vetturi qodma u li lanqas biss kienu semmewlu x'tip huma, l-età tagħhom, aħseb u ara kemm urewhomlu. Naturalment l-esponenti rrifjuta din it-tielet offerta u baqa' jinsisti li jreġġa' lura n-negozju, tiġi lilu rritornata l-ewwel BMW u l-ammont ta' €10,000. Ġie nfurmat però li dan ma setax iseħħ il-għaliex l-ewwel BMW tiegħu kienet ġiet mibjugħa lil terzi. In segwitu l-esponenti kien talabhom li jgħaddilhom lura t-tieni BMW u jirċievi mingħandhom flusu lura.*

*9. Illi kif jidher l-esponenti għamel minn kollox u dan tul diversi xhur biex jasal għal ftehim raġonevoli sabiex tiġi evitata din il-kawża iżda l-intimati baqgħu*

*intransiġenti u l-esponenti ma kellux triq oħra ħlief li jaġixxi kif qed jaġixxi. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li l-esponenti jirriserva li jressaq waqt it-trattazzjoni tal-kawża, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi ukoll, jekk ikun il-każ illi l-vettura BMW fuq riferita akkwistata mill-esponenti permezz tat-tpartit imsemmi u mingħand l-intimati ma kinitx tal-kwalità mwiegħda u dana ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Konsegwentement tordna x-xoljiment tan-negozju li sar bejn il-kontendenti kif fuq intqal billi l-esponenti jagħżel li jirrifjuta l-imsemmija vettura u jitlob kif qed jagħmel id-danni.*

*3. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' €24,000 più l-imgħaxijiet fuq din is-somma mid-data tat-tpartit kif fuq intqal sad-data tal-pagament effettiv jew kwalunkwe danni oħra li jiġu llikwidati okkorrendo n-nomina ta' perit espert fil-materja.*

*4. Konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti in linea ta' danni dak l-ammont li jiġi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2017 u dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru numri 794/17 u 795/17 u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont ta' €24,000 mid-data tat-tpartit sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tat-23 t'Ottubru 2020**[1] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta bit-terminu tas-sentejn u dan a tenur tal-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll l-attur diġa' ressaq din l-istess kawża bl-ismijiet Anthony Buttigieg vs Brian Baldacchino et bin-numru 524/2017LM tant illi tali kawża ġiet deċuża permezz ta' sentenza nhar it-12 ta' Ġunju 2020 minn din Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onor Imħallef Lawrence Mintoff, liem akawża hija bażikament identika għal dik odjerna u liema talbiet tal-attur ġew miċħuda u l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti ġiet milqugħa.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi anke l-valur mitlub ta' erbgħa u għoxrin elf euro (€24,000) huwa skorrett u dan stante illi l-valur mogħti lill-vettura mertu ta' din il-kawża kien fl-ammont ta' tmintax-il elf euro (€18,000) li tħallset permezz ta' tpartit ma' vettura oħra li kellha valur fl-ammont ta' tmint elef euro (€8000) u fi flus kontanti fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000). B'hekk anki t-talbiet attriċi huma esaġerati u mingħajr bażi u għandhom jiġu miċħuda.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost meta l-attur mar sabiex jakkwista l-vettura tal-għamla BMW 5 Series l-esponenti kienu huma stess illi taw parir lill-attur sabiex huwa jmur jiċċekkja kif ukoll jipprova tali vettura qabel ma jieħu deċiżjoni fir-rigward jekk huwa kienx ser jakkwista tali vettura jew le. Infatti l-attur ħa l-vettura kemm għand mechanic kif ukoll għand panel beater sabiex*

[1] Fol 11 et seq

*jeżamina l-kundizzjoni tal-istess vettura. Illi iktar minn hekk meta din il-vettura nxtrat l-istess attur li huwa bniedem illi huwa midħla tal-karozzi u li allura kien iċċekkja u spezzjona sew din il-vettura iffirma skrittura li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A' fejn tali skrittura kienet tgħid bl-aktar mod ċar u preċiż illi huwa kien qed jakkwista din il-vettura wara li huwa spezzjona u pprova l-karozza u li kien kuntent b'dak li kien ser jakkwista kif ukoll li huwa kien qed jaċċetta illi tali vettura kien qed jakkwistaha tale quale.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost tali vettura ġiet impurtata Malta nhar is-7 ta' Diċembru 2015 u tali vettura nbiegħet nhar it-18 ta' Diċembru 2015 u ċioe ħdax-il jum wara. Illi f'dawn il-ħdax-il jum l-attur mar iktar minn darba sabiex jara u jispezzjona l-vettura u allura l-istess attur kien ben konsapevoli tal-fatt illi tali vettura kienet għadha kemm tiġi impurtata tant hu hekk illi r-reġistrazzjoni tal-istess vettura kienet saret minnu stess u dan nhar it-22 ta' Diċembru 2015 liema kopja tad-dokument tar-reġistrazzjoni qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B'. Illi l-esponenti qatt ma taw garanzija dwar il-kundizzjoni ta' tali vettura, in fatti, huwa preċiżament għalhekk illi l-attur mar iktar minn darba jipprova tali vettura.*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dak li l-attur qed jipprova jagħmel huwa illi jqarraq b'din l-Onorabbli Qorti meta huwa jsostni illi tali vettura nxtrat taħt il-kundizzjoni illi din il-vettura qatt ma kienet involuta f'ħabta. Illi l-esponenti qatt ma taw garanzija dwar tali kundizzjoni in fatti dik kienet preċiżament ir-raġuni għalfejn il-partijiet kollha ħassew li kellhom jiffirmaw skrittura li fiha jiġi ddikjarat illi l-vettura qed tiġi akkwistata tale quale.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur huwa wkoll skorrett ma' din l-Onorabbli Qorti meta jsostni illi l-esponenti kellhom jinfurmawh illi tali vettura kienet sofriet ħabta kif qed jiġi allegat minnu u dan għar-raġuni illi l-esponenti qatt ma kienu a konoxxenza ta' dan il-fatt aħseb u ara kemm kienu ser jagħtu*

*garanzija dwar tali. Illi huwa wkoll kompletament infondat dak li qed jgħid l-attur illi l-istess esponenti ammettew miegħu illi tali vettura kienet involuta f'ħabta u dan għas-sempliċi raġuni illi huma qatt ma kienu jafu b'dan.*

*8. Illi għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li minn issa huwa inġunt in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposti ġuramentati.

Rat l-ordni tagħha tal-11 ta' Novembru 2020 għall-inverżjoni tal-provi sabiex tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni[2].

Rat il-provi u s-sottomissjonijiet magħmula b'rabta ma' din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti tal-proċess allegat Rik Nru 524/17 fl-ismijiet *Anthony Buttigieg vs Brian Baldacchino et* deċiża fit-12 ta'Ġunju 2020 u li llum hija *res judicata*.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

[2] Fol 19

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li vettura tal-għamla BMW akkwistata minnu mingħand il-konvenuti permezz ta' tpartit ma' vettura oħra tiegħu ma kinitx tal-kwalita` pattwita ai termini tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk –

*"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

L-attur isostni li per konsegwenza dan in-negozju għandu jiġi xolt. Huwa qed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tat-tpartit.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti rrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Għal dawk li huma provi, mill-atti jirriżulta li permezz ta' skrittura privatata datata 18 ta' Diċembru 2015[3] l-attur partat il-vettura tiegħu BMW ma' oħra tal-għamla BMW AYJ 520 mingħand il-konvenuti, li jeżerċitaw fil-kummerċ bħala ABS Autodealers. Huma qablu li l-attur kellu flimkien mat-tpartit iħallas lill-konvenuti s-somma addizzjonali ta' €10,000. Dan taħt is-segwenti termini u kundizzjonijiet –

i. Li l-attur il-vettura ppruvaha u għoġbitu u l-ftehim huwa bil-prezz fuq imsemmi;

[3] Fol 16

ii. Li l-imsemmija vettura hija *tale quale* u li l-vendituri mhumhiex responsabbli għal xi difett moħbi;

iii. Li jekk l-attur jonqos li jħallas żewġ pagamenti, il-konvenuti jkollhom dritt jieħdu l-vettura lura;

iv. Li jekk l-attur ibiegħ jew ipartat il-vettura huwa jkollu jħallas is-somma kollha li jkun fadal.

Id-debita riċevuta tar-reġistrazzjoni tal-vettura fuq isem l-attur hija wkoll esibita in atti[4]

Il-konvenuti jikkontendu li minkejja li huma kemm il-darba rawh isuq il-vettura in kwistjoni fit-23 ta' Mejju 2017 huwa kien bagħtilhom ittra legali fejn infurmahom li huwa kien skopra li qabel ma akkwistaha din il-vettura kienet involuta f'inċident meta fil-fatt il-vendituri kienu wegħduh li dan ma kienx il-każ. Fix-xhieda tiegħu l-kovenut Brian Baldacchino ċaħad li huwa qatt kien ta xi garanzija lill-attur, anzi jgħid li kien l-attur innifsu li għamel il-verifiki li kellu jagħmel qabel akkwista l-vettura in kwistjoni.

Brian Baldacchino xehed ukoll in kontro-eżami u sar konfront bejnu u bejn l-attur.

Inoltre, a skans ta' ripetizzjoni inutli, l-Qorti sejra wkoll tistrieħ fuq is-sinteżi tal-provi kif riprodotti fit-taqsima ntestata "Provi u Riżultanzi" fis-sentenza tal-proċeduri allegati Rik 524/17 fl-ismijiet premessi.

[4] Fol 15

-Senjatament minn dawn il-provi jirriżulta illi skont l-attur hu kien mar għand il-konvenut bl-ewwel ilment tiegħu fuq il-vettura, għax skopra li kellha xaqq kbir fuq in-naħa wara tagħha, sitt xhur wara l-akkwist ta' l-istess.
-għalhekk Buttigieg jixhed illi minħabba f'hekk, il-konvenut kien qallu li kien se jibdillu l-karozza, l-ewwel ma BMW oħra, imbagħad ma Mercedes, pero dan l-arrangament falla skont l-attur għax il-konvenut baqa' jittrateni li jibdillu l-istess vettura. Pero da parti tal-konvenut, kull darba li dan xehed, anke in kontro eżami irrifjuta talli arrangament.
-il-konvenut anzi, mhux talli ma jaċċettax it-tpartit ma vettura oħra, anzi jixhed li meta l-attur mar għandu bl-ilment wara tmien xhur wara t-tpartit, hu kien qallu li kellu jieħu ħsieb hu li jirranga il-vettura. Oltre, jargumenta illi l-attur kellu kull opportunita' li jeżamina l-vettura n kwistjoni billi ħadha, qabel it-tpartit, kemm għand mekkanik ukoll għand panel beater.
-l-attur istitwixxa żewġ kawżi n mertu; dik odjerna li ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju, 2020 u dik li l-atti tagħha ġew allegati li nbdiet fid-9 ta' Gunju, 2017. F'din it-tieni il-kawża ġiet deċiża billi ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' kumul ta' azzjonijiet kontraditorji a bażi tal-massima *selecta una via non datur recursus ad alteram.* Is-sentenza ngħatat fit-12 ta' Gunju, 2020.

Dan ir-riassunt qasir tax-xhieda li nġabet se jservi għad-detrminazzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari** li dwarha ser tingħata s-sentenza llum tgħid hekk –

*"Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta bit-terminu tas-sentejn u dan a tenur tal-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta".*

Għal dawk li huma prinċipji ġenerali marbuta mal-għoti ta' eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni, ingħad hekk fil-każ **Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr Maria Deguara et noe deċiż fit-30 t'Ottubru 2003 -**

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li f'kull każ li tittella' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies . Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni;*

*(…….)*

*Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq ;*

*Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla….*

*(……)*

*Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-*

*eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-preskrizzjoni (speċjalment dik tax-xorta li toqtol il-proċess) hija istitut li, min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi u jitfisser dejjem b'mod li ma jġibx fix-xejn il-għan li għandu jsir ħaqq fuq is-sustanza tal-kwestjoni."*

**L-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

Dwar il-vera natura tal-perjodu imsemmi fl-artikolu invokat intqal dan minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Adrian Theuma vs RLR Ltd deċiża fit-8 ta' Jannar 2013:**

*"Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ġunju 1921 fil-kawża '**Carmelo Mangion pro et noe vs Alfonso Maria Galea noe'** (Kollez. Vol. XXIV.II.629) kien rilevat illi ż-żmien ta` sentejn kontemplat bl-Art.1407 tal-Kap.16 huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni. Hemm il-Qorti ċċitat lil Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390- 391 : No.206 : Seconda Edizione : cio che si desume non pure dalla locuzione della legge quanto dalla circostanza che tale termine corre contro tutti indistintamente quanto i minori ed ogni altra persona privileggiata. A tale perenzione o decadenza due condizioni sono necessarie e cioe` la perfezione del contratto ed il decorrimento del biennio dal giorno di tale perfezione del contratto.*

*(ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-5 ta` Frar 1979 fil-kawża '**Alfred Delia vs Joseph Fenech**' – mhux ippubblikata).*

*Fis-sentenza tagħha tas-7 ta` Jannar 1967 fil-kawża '**John Cassar vs Francesco Saverio Vella**' (Kollez. Vol. LI.II.691) din il-Qorti għamlet analiżi u tat tifsira mirquma ta` dak li kien l-Art.1457(1) – illum l-Art.1407(1) – tal-Kodiċi Ċivili. Anke dik il-Qorti għamlet riferenza għal Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390-391 : No.206 : Seconda Edizione u żiedet tgħid hekk –*

*Li del resto il-lokuzzjoni tal-istess artikolu hija fis-sens li l-azzjoni 'tintilef' malli jiddekorri ż-żmien stabbilit mil-ligi.*

*Li l-artikolu fuq imsemmi jikkorrispondi għall-art.1622 tal-Kodiċi Franċiż, bid-differenza li f`dana l-artikolu l-kelma 'tintilef' użata mil-leġislatur tagħna hija espressa bil-kliem 'sotto pena di decadenza'. Dana ż- żmien ma jidhirx li seta` jiġi prorogat jew interrott b`xi manjiera għaliex anki Portalis li huwa l-kommentatur ta` dana l-artikolu isostni 'Questo tempo e` sufficiente per riconoscere un errore, che si puo` ad ogni istante verificare. Un termine piu` lungo (fil-Kodici Franciz huwa ta` sena) porterebbe troppa incertezza negli affari della vita' (citat fil-Locre`, t. VIII, p.74)*

*Li għalhekk kwalunkwe interpellazzjoni ġudizzjarja jew konversazzjoni oħra li setgħu, skond il-liġi, jinterrompu t-termini tal-preskrizzjoni meta si tratta ta` preskrizzjoni, f`dana l-każ, billi ninsabu f`materja ta` dekadenza ma jista` jkollha ebda effett interruttiv, għaliex l-azzjoni hija perenta jekk ma tiġix eżerċitata fiż-żmien utili u mprorogabbli ta` sentejn. (Kollez. XXIX.III.137),*

*Fis-sentenza tagħha tad-29 ta` Marzu 1941 fil-kawża '**Edward Vincenti noe vs Carmelo Mazzitelli**', il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma daħlitx fil-kwistjoni*

*jekk il-perijodu kienx wieħed ta` dekadenza jew ta` preskrizzjoni iżda sostniet illi meta l-azzjoni tax-xerrej tkun ghaliex ikun hemm nuqqas ta` kwalita` li tkun sostanzjali u li tkun ġiet espliċitament imwegħda mill-bejjiegħ lix-xerrej, l-azzjoni kellha tkun eżerċitata fi żmien sentejn mill-kuntratt.*

*Fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri, il-kumpannija konvenuta ghamlet riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GV) tat-30 ta` Ġunju 2003 fil-kawża '**Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina**' sabiex tissottolinea l-fehma tagħha li t-terminu ta` sentejn kellu jiddekorri mid-data tal-konsenja tal-oġġett li dwaru jkun qiegħed jiġi allegat li ma kienx tal-kwalita` patwita.*

*Din il-Qorti rat mhux biss dik is-sentenza iżda żewġ sentenzi oħra li l-Qorti kienet tat fl-istess kawża.*

*Tistqarr illi l-pern tal-kwistjoni li kienet deċiża fit-30 ta` Ġunju 2003 ma kenitx dik li din il-qorti għandha fil-kawża tal-lum. Kienet tolqot il-mertu tal-azzjoni. F`termini sempliċi u riduttivi ferm, kienet tittratta d-differenza bejn azzjoni dwar bejgħ ta` oġġett b`difetti moħbi u azzjoni dwar bejgħ mhux tal-kwalita` patwita, u x`għandu jagħmel il-kompratur bl-oġġett mertu tal-bejgħ.*

*Tirrikonoxxi illi obiter (għax il-punt ma kienx mertu tad-deċiżjoni) il-qorti qalet hekk –*

*Li dina l-azzjoni skond l-artikolu 1407(1) tintilef għeluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt u dan il-perjodu huwa wieħed ta' dekadenza. Fil-każ li tingħata eċċezzjoni dwar nuqqas ta' kwalita' pattwita dina trid tigi proposta fi żmien sentejn mill-konsenja ta' l-oġġett mibjugħ.*

*A skans ta` ekwivoċi, propju għaliex bis-sentenza tal-lum, qegħda tiġi deċiża speċifikament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16, konfortata kif inhi mill-ġurisprudenza diġa` ċitata, din il-Qorti tgħid kjarament illi t-terminu ta` sentejn biex kompratur jagħmel azzjoni biex jirripudja l-bejgħ, kif qieghed isir fil-kawza tal-lum, fuq il-pretest illi l-oġġett tal-bejgħ ma kienx tal-kwalita` patwita jiddekorri mid-data tal-kuntratt mhux mid-data tal-konsenja.*

*Fl-isfond ta` dawn il-konsiderazzjonijiet ta` dritt, din il-Qorti tgħid illi fil-każ tal-lum, il-provi akkwiżiti dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kumpannija konvenuta sejrin jitqiesu fuq il-premessa illi –*

*<u>Fl-ewwel lok</u>, il-perijodu ta` sentejn kontemplat mill-Art.1407(1) huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.*

*<u>Fit-tieni lok</u>, is-sentejn jiddekorru mid-data illi fiha kien konkjuż ghall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-kuntratt bejn il-partijiet."*

**Il-Qorti tabraċċja dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha u kwindi tissottolinea li ż-żmien ta` sentejn stipulat mill-Art.1407(1) huwa wieħed ta` dekadenza li jibda għaddej mid-data illi fiha jkun ġie kien konkluż il-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet għall-fini tal-liġi.**

Din hija wkoll il-pożizzjoni meħuda mill-konvenuti li jargumentaw li l-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407 (1) huwa wieħed ta' dekadenza li jibda għaddej mill-mument li sar il-kuntratt bejn il-partijiet. Huma jirreferu għall-iskrittura tat-18 ta' Diċembru 2015 li permezz tagħha sar it-tpartit tal-vetturi in kwistjoni. Isostnu li ladarba l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju 2020 kienu laħqu għaddew aktar minn sentejn u għalhekk il-kawża għandha tiġi

meqjusa preskritta. Jingħad illi għal preċisjoni fil-fatt il-konvenut kellu jsostni li l-azzjoni llum hija perenta bit-trapass taż-żmien.

Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-ġurisprudenza suċċitata, it-terminu tas-sentejn ai termini tal-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 beda jiddekorri mit-18 ta' Diċembru 2015 u ċioe' meta ġiet iffirmata l-iskrittura għall-akkwist tal-vettura in kwisjoni. U għalhekk la l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju 2020 kienu laħqu għaddew aktar minn erba' snin bil-konsegwenza li l-azzjoni hija f'dan l-istadju perenta.

Għal kompletezza tqies ukoll l-argument da parti tal-attur fil-premessi tar-rikors promotur odjern u anke fix-xhieda tiegħu u ta' martu fil-proċeduri allegati Rik Nru 524/17, fejn tqajjem il-punt li kien hemm xi tip ta' ammissjoni da parti tal-konvenut u li kienu għaddejjin trattativi bejn il-partijiet biex l-attur jingħata vettura simili jew oħra ta' valur ekwivalenti. Pero' skont l-attur u anke martu, dawn it-trattativi ma rnexxewx.

Madankollu kif ingħad, dawn l-allegazzjonijiet sabu l-oppożizzjoni ferma tal-konvenuti li ċaħdu li huma qatt ammettew xi tort jew irrikonoxxew li seta' kien hemm xi difett fil BMW imparta. Il-Qorti tirrileva li kif inhuwa rassodat fil-ġurisprudenza, terminu ta' dekadenza ma jistax jiġi prorogat u malli jiskorru t-terminu statutorju, id-dritt għall-azzjoni jintilef.

Il-Qorti affermat hekk **George Borg Marks et vs Yolo Properties Ltd deċiża fil-11 ta' Frar 2022** u konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 2023 –

*"23. Il-każ odjern si tratta dwar bejgħ t'immobbli, u għalhekk għandu japplika tterminu ta' sena ai termini tal-Artikolu 1431(1) suċitat. Jiġi senjalat illi, hekk kif*

*ingħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Joseph Vella noe vs Anthony Migneco et noe** :*

*[T]-terminu ta' xahar [f'dan il-każ, sena] impost mil-liġi, ġie deċis li mhux terminu ta' preskrizzjoni (li ma jkunx jista' jiġi sollevat mill-Qorti ex officio), iżda hu terminu ta' dekadenza li hu t'ordni pubbliku u mhux interrottibbli (ara "**Buttigieg vs Zammit**", deċisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997; "**Baldacchino vs Darmanin Lia**", deċisa minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 1982, "**Balzan vs Celotti**", deċisa minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 1999 u "**Debono vs Ceiling Systems Ltd**", deċisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2003).*

*Kif jispjega l-Pacifici Mazzoni, "Instituzioni di Diritto Civile Italiano", Libro II, Parte 2, f'paġna 37 et seq, "La prescrizione colpisce indirettamente il diritto e direttamente l'azione; la decadenza colpisce senz'altro il diritto che e' assoggettato ad un termine e reso di breve durata".*

*Perjodu ta' dekadenza mhux soġġett għar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni; dak it-terminu mhux prorogabbli, u l-inattivita' fil-perjodu ta' xahar irrimedjabbilment jippreġudika d-drittijiet tal-kompratur. Skadut dak it-terminu, l-azzjoni mhix aktar ammissibbli."*

Oltre, għalkemm it-terminu ta'dekadenza ma jafx interuzzjoni jew sospensjoni kif ingħad, pero dan it-terminu seta' kien affetwat kieku l-attur irnexxielu jikkonvinċi lil Qorti li fil-verita' kien hemm rikonoxximent da parti tal-bejjiegħ konvenut tad-difett reklamat fil-vettura. Ingħad dan fil-kawza fid-deċiżjoni fl-ismijiet **The Cargo Handling Co.Ltd. v Messers John Abela Ltd**[5]. li ċċitat id-

[5] 7 ta' Lulju, 2003

deċiżjoni fl-ismijiet **Giuseppe Sammut vs Notaro Edoardo Pellegrini Petit,** Appell Ċivili[6]:

*"Darba hu hekk, dan it-terminu ma jistax jiġi interott, u t-terminu jista' jintrebaħ biss bil-preżentata tal-kawża fiż-żmien utili. Ovvjament, jekk id-debitur tal-obbligazzjoni jkun irrikonnoxxa d-debitu, il-kreditur ikun jista' jimxi a bażi ta' dik l-aċċettazzjoni bħala sinifikanti ta' ftehim gdid maħluq mill-aċċettazzjoni tad-dejn. Irid, fi kliem ieħor, jirriżulta ċar u mingħajr ekwivoku li d-debitur aċċetta r-responsabilta' tiegħu, b'mod li l-azzjoni tal-kreditur tkun tista' tirnexxi anke a bażi biss ta' dik l-ammissjoni. Altrimentri, skadut it-terminu ghall-azzjoni, dak it-terminu 'non e', come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione"*

Il-konvenut baqa' qatt ma ammetta xi responsabilta' fuqu kif issostni l-attur.

Kien għalhekk ukoll bla siwi meta l-istess attur invoka fit-trattazzjoni orali l-applikazzjoni ta' l-artikolu 2132 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li japplika għalhekk għal perjodu tal-ksur tal perjodu preskrittiv, l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv maħsub fis-sub inċiż 2 ta' dan l-artikolu huwa għal kollox inapplikabbli għal kunċett tad-dekadenza li kif ingħad fil-ġuirisprdenza ċitata ma tista tiġi interrotta jew sospiża.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li t-terminu ta' sentejn stipulat mill-ligi għandu jibda jitqies minn dakinhar tal-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2015 u għalhekk l-attur kellu sas-17 ta' Diċembru 2017 sabiex jiftaħ il-kawża odjerna. Fin-nuqqas, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi timmerita li tiġi akkolta,

[6] 16 ta' Jannar, 1920 (Vol XXIV pl p276) din kif ċitata fil-pubblikazzjoni ta' l-Imħallef Emeritus Philip Sciberras L-ALFABETT Vol D paġna 271

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon4**
**Dep. Reġ.**